MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Appell Kriminali Numru. 250/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emmanuel Buttigieg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emmanuel Buttigieg talli f'Hal-Qormi fis-17 ta' April, 2002 ghall-habta tas-sigeha ta' wara nofs in-nhar (**1**) zamm arma tan-nar (senter Luigi Franchi no. D98445) fil-fond Blk. 4, Flat 7, triq id-Deheb Fin, Qormi, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija; u (**2**) aktar talli fl-istess data, hin u lok gie fil-pussess ta' arma tan-nar u naqas li minnufih jaghti avviz taghha lill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha lliberat lill-imsemmi

Emmanuel Buttigieg mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-28 ta’ Ottubru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza u li konsegwentement din il-Qorti issib lil Emmanuel Buttigieg hati skond l-imputazzjonijiet dodotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha, 28 ta’ Frar, 2003; ikkunsidrat:

Id-dritt ta’ appell lill-Avukat Generali f’dan il-kaz hu moghti bl-Artikolu 30 tal-Kap. 66, dritt ta’ appell kemm fuq punti ta’ ligi kif ukoll fuq il-fatti. L-appellant Avukat Generali bazikament jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament manifestament zbaljat tal-provi li kellha quddiema, u li kien ghalhekk li lliberat lill-appellat.

Ghalkemm huwa minnu, kif tajjeb issottometta l-abbili difensur ta’ l-appellat fl-udjenza tat-28 ta’ Frar, 2003, li bhala regola din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament ta’ fatt maghmul mill-Qorti Inferjuri, f’dan il-kaz din ir-regola ma tapplikax proprju ghax fil-fehma ta’ din il-Qorti tali apprezzament maghmul mill-ewwel qorti kien <u>manifestament zbaljat</u>, kif gustament irrimarka l-Avukat Generali. In fatti din il-Qorti difficilment tista’ tifhem x’wassal lill-ewwel qorti sabiex tillibera lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni. Id-deposizzjonijiet ta’ P.S. 318 Francis Rogers u ta’ P.C. 286 Thomas Attard jaghmlu prova cara li fis-17 ta’ April, 2002 (meta saret perkwisizzjoni fid-dar ta’ l-appellat) l-appellat kellu fid-dar tieghu arma tan-nar – senter – li ma kienx debitament licenzjat. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, mid-deposizzjoni ta’ Amabile Buttigieg (li f’ismu kien licenzjat is-senter) hu probabbli li kemm hu kif ukoll l-appellat (li jigi huh) marru biex jaghtu avvix ta’ transfer tal-licenzja tas-senter *de quo*, <u>izda tali avviz ta’ trasferiment ma jammontax ghal licenzja</u>. Ghalhekk meta, dejjem skond Amabile Buttigieg, xi jumejn wara li huma marru l-Ghassa biex jaghtu tali avviz, l-

appellat ghadda l-flus lil dan Amabile, u Amabile ghaddielu s-senter, l-appellat gie fil-pussess ta’ arma tan-nar “xort’ohra milli b’licenzja” (Art. 9(1), Kap. 66). Mid-dokumenti ezibiti a fol. 17 u 18 hu evidenti li l-licenzja qatt ma harget fuq isem Emmanuel, tant li din regghet thallset mill-imsemmi Amabile Buttiegieg fit-3 ta’ Lulju, 2002. Pero` din il-Qorti mhix ser issib lill-appellat hati skond din it-tieni imputazzjoni ghal raguni wahda u semplici: jirrizulta car mill-provi li l-arma giet f’idejn l-appellat kif fuq inghad ferm qabel is-17 ta’ April, 2002, mentri l-imputazzjoni hija marbuta proprju u eskluzivament ma’ dik id-data. Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap. 66 ma jistax jitqies li huwa wiehed ta’ natura permanenti.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva, kif osservat tajjeb l-ewwel qorti, li l-arma in kwistjoni qatt ma giet ezibita, anqas formalment, b’mod li ma hemmx lok ta’ konfiska.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tilqa’ in parti l-appell ta’ l-Avukat Generali, u tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti, u cioe` billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni, u minflok issib lill-appellat Emmanuel Buttigieg hati skond din l-ewwel imputazzjoni u, wara, li rat l-Artikol 3(1) tal-Ordinanza dwar l-Armi, tikkundanna lill-istess Emmanuel Buttigieg multa ta’ hamsin lira (Lm50), konvertibbli f’ghaxart ijiem prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u cioe` ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------